MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 1155/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**PETER GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Peter Galea ta' 49 sena, bin Lawrence u Teresa xebba Caruana, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Frar 1963 u joqghod Sweet Symphony, Triq J. Borg, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 154163M.

[a] Talli fis-7 t'Ottubru 2012, gewwa l-Furjana, ghall-habta tal-17.10 ta' filghaxija, waqt li kien qed isuq jew fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBE 049, b'nuqqas

ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna feriti gravi fuq persuna ta' Alfred Psaila, kif iccertifikata it-Tabiba Christine Cannataci M.D. mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

[b] talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBE 049, b'manjiera perikoluza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1A) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, huwa jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu li jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok. KB1 u nnutat li l-imputat Peter Galea m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17 u 226(1)(a) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1A) (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Peter Galea, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Peter Galea ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett snin (3) millum l-imputat Peter Galea jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Peter Grima milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Peter Galea l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------